

tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2018 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni(Kawża T-462/16) ⁽¹⁾

[“FAEG — Spejjeż esklużi mill-finanzjament — L-ghajjnuna skont l-erja — Spejjeż imwettqa mill-Portugall — Aspettattivi leġittimi — Artikolu 41(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 — Artikolu 31 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 — Proporzjonalità”]

(2018/C 142/57)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, M. Figueiredo, J. Saraiva de Almeida u P. Estêvão, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Sauka, aġent, assistit minn M. Marques Mendes u A. Dias Henriques, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1059 tal-20 ta' Ġunju 2016 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2016, L 173, p. 59), sa fejn tikkonċerna r-Repubblika Portugiża.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 392, 24.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2018 – Gollnisch vs il-Parlament(Kawża T-624/16) ⁽¹⁾

[“Leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-ispejjeż u l-allowances tad-deputati fil-Parlament Ewropew — Allowance ta' assistenza parlamentari — Irkupru ta' ammoni mħallsa indebitament — Kompetenza tas-segretarju ġenerali — Electa una via — Drittijiet tad-difiża — Oneru tal-prova — Obbligu ta' motivazzjoni — Aspettattivi leġittimi — Drittijiet politiċi — Ugwaljanza fit-trattament — Użu ħażin ta' poter — Indipendenza tad-deputati — Żball fattwali — Proporzjonalità”]

(2018/C 142/58)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Bruno Gollnisch (Villiers-le-Mahieu, Franza) (rappreżentanti: inizjalment minn N. Fakiroff, sussegwentement minn F. Wagner, avukati)

Konvenut: il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: G. Corstens u S. Seyr, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tas-segretarju ġenerali tal-Parlament tal-1 ta' Lulju 2016 dwar l-irkupru mingħad ir-rikorrent ta' somma ta' EUR 275 984,23 imħallsa indebitament bħala assistenza parlamentari u tan-nota ta' debitu marbuta magħha tal-5 ta' Lulju 2016.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud
- 2) Bruno Gollnisch għandu jbati kemm l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

⁽¹⁾ ĠU C 383, 17.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 1 ta' Marzu 2018 – Shoe Branding Europe vs EUIPO – adidas (Pożizzjoni ta' żewġ strixxi paralleli fuq żarbun)

(Kawża T-629/16) ⁽¹⁾

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tikkonsisti f'żewġ strixxi paralleli fuq żarbun — Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta tliet strixxi paralleli fuq żarbun — Raġuni relattiva għal rifjut — Dannu għar-reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001]"]

(2018/C 142/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Shoe Branding Europe BVBA (Oudenaarde, il-Belġju) (rappreżentant: J. Løje, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lukošūtė u A. Söder, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: adidas AG (Herzogenaurach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Fowler u I. Junkar, solicitors)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Ġunju 2016 (Każ R 597/2016-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn adidas u Shoe Branding Europe.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Shoe Branding Europe BVBA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 402, 31.10.2016.